



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15732/23

DEVGEN 214
RELEX 1358
ACP 121
SUSTDEV 150
DIGIT 270
ENV 1341
CLIMA 576
SOC 810

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 21 ta' Novembru 2023

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 15128/23

Suġġett: Tranżizzjoni soċjali, ekoloġika u diġitali
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (21 ta' Novembru 2023)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar tranżizzjoni soċjali, ekoloġika u diġitali, kif approvati mill-Kunsill fit-3985 laqgħa tiegħu li saret fil-21 ta' Novembru 2023.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar tranżizzjoni soċjali, ekoloġika u diġitali

1. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għall-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tagħha bħala l-pjan direzzjonali kollettiv, universali u indiviżibbli tagħna għal ġejjieni sostenibbli u paċifiku. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid ukoll l-impnġi li jinsabu fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2023 dwar l-UE f'nofs il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, kif ukoll id-dikjarazzjoni politika tas-Summit dwar l-SDGs tal-2023. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jissottolinja r-rilevanza tal-ewwel rieżami volontarju tal-UE ppreżentat fil-Forum Politiku ta' Livell Għoli dwar l-Iżvilupp Sostenibbli tan-NU fid-19 ta' Lulju 2023 bħala espressjoni konkreta tal-impenn sod tal-UE għall-iżvilupp sostenibbli kemm lokalment, bħala mutur ewlieni tal-azzjoni tal-UE, kif ukoll madwar id-dinja billi tappoġġa lill-pajjiżi sħab fl-isforzi ta' implimentazzjoni tagħhom.
2. Il-Kunsill ifakkar fil-Kunsens Ewropew il-Ġdid għall-Iżvilupp u jenfasizza r-rwol ewlieni tal-UE u tal-Istati Membri tagħha fl-implimentazzjoni koerenti, komprensiva u effettiva tat-tliet dimensjonijiet kollha tal-Aġenda 2030 – dik ekonomika, soċjali u ambjentali – b'mod bilanċjat u integrat b'rispett għall-prinċipji gwida tagħha ta' parteċipazzjoni, trasparenza, responsabbiltà u impenn biex ħadd ma jitħalla jibqa' lura, ankrat f'approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem.
3. Il-Kunsill jissottolinja li l-iżvilupp sostenibbli bħalissa huwa mxekkel minn kuntest internazzjonali ta' inċertezza profonda u dinamika ġeopolitika ġdida. F'soċjetà globali interkonnessa ferm, il-kriżi tat-tibdil fil-klima u l-emerġenza ekoloġika huma aggravati minn xokkijiet u kunflitti bħall-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, li jwasslu għad-destabilizzazzjoni tax-xenarju ġeopolitiku, l-aggravament tal-isfidi globali, u l-fraġilità dejjem akbar, b'impatt notevoli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Il-Kunsill jinnota bi tħassib is-sejbiet tar-Rapport dwar l-Iżvilupp Sostenibbli Globali¹ fir-rigward tar-rigress fl-SDGs, kif ukoll it-tnaqqis fl-Indiċi tal-Iżvilupp tal-Bniedem, li jxekklu lill-komunità internazzjonali milli twettaq l-Aġenda 2030, filwaqt li jaġixxu bħala deterrenti għal tranżizzjonijiet sostenibbli u inklużivi.

¹ <https://sdgs.un.org/gsdrgsdrg2023>

4. Il-Kunsill jirrikonoxxi li, fil-qafas propost mill-Aġenda 2030, it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali għandhom irawmu l-bidliet strutturali meħtieġa biex jintlaħqu l-SDGs u l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal. Dawn it-tranżizzjonijiet u l-interkonnessjonijiet tagħhom għandhom il-potenzjal li joħolqu flimkien mudelli ta' konsum u produzzjoni internazzjonali sostenibbli, ġusti, inklużivi u kompetittivi li huma aktar iċċentrati fuq il-bniedem, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ekoloġiċi, jippromwovu ekonomija ċirkolari u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, u jagħtu spinta lill-konnettività, l-innovazzjoni u t-trasformazzjoni ekonomika. Jekk il-politiki ta' tranżizzjoni jitfasslu b'mod koerenti fost is-setturi, filwaqt li jitqiesu l-interessi tal-pajjiżi sħab, kif ukoll il-kunsiderazzjonijiet soċjali, il-kummerċ ħieles, l-intraprenditorija, u l-politiki favorevoli għall-iżvilupp tan-negozji, dawn it-tranżizzjonijiet għandhom il-kapaċità li jiġġeneraw impjiegi formali, deċenti u ta' kwalità għolja b'valur miżjud għoli, kif ukoll li jippromwovu l-ugwaljanza, l-inklużjoni soċjali u l-qerda tal-faqar.
5. Il-Kunsill jenfasizza b'mod partikolari li l-livelli dejjem jiżdiedu ta' faqar u inugwaljanza fi ħdan u fost il-pajjiżi huma ta' theddida għall-iżvilupp sostenibbli. Dawn ifixxlu l-istabbiltà ekonomika fit-tul u t-tkabbir ekoloġiku u inklużiv, jaffettwaw is-saħħa, is-sigurtà nutrizzjonali u tal-ikel, l-edukazzjoni, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet, jagħmlu ħsara lill-koeżjoni soċjali, jimminaw il-leġittimità istituzzjonali, u jagħmlu ħsara lill-ambjent. Barra minn hekk, l-inugwaljanzi, il-faqar u l-esklużjoni soċjali huma fatturi ewlenin li jixprunaw l-inkwiet soċjali, l-instabbiltà politika u l-kunflitt.
6. Sabiex ħadd ma jitħalla jibqa' lura, jiġu sfruttati l-benefiċċji tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u jsiru ġusti, sostenibbli, reżiljenti, trasformattivi u inklużivi, għandha tittejjeb u tiġi promossa aġenda soċjali b'saħħitha u pożittiva, f'kooperazzjoni mal-pajjiżi sħab. Il-Kunsill jenfasizza li dan l-approċċ komprensiv, ibbażat fuq it-tranżizzjonijiet soċjali, ekoloġiċi u diġitali, jirrifletti l-valuri tal-UE, għandu l-għan li jsaħħaħ l-awtonomija tal-pajjiżi sħab u jagħti valur miżjud lis-sħubija mal-UE.

7. Din l-aġenda soċjali tkun tinvolvi b'mod partikolari t-tisħiħ tal-politiki fl-oqsma tal-edukazzjoni, inkluż l-Edukazzjoni u t-Taħriġ Tekniċi u Vokazzjonali, is-saħħa, ix-xogħol deċenti, il-protezzjoni soċjali, u l-aċċess għal servizzi pubbliċi bażiċi ta' kwalità għolja, b'mod partikolari l-Ilma, is-Sanità u l-Iġjene, fost l-oħrajn. Hija tkun immexxija mill-prinċipji ta' qafas ta' tranżizzjoni ġusta għal kulħadd, kif ukoll il-qerda tal-faqar u t-tnaqqis tal-inugwaljanzi, il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet, il-parteċipazzjoni u t-tisħiħ tal-pożizzjoni taż-żgħażaġh u l-inklużjoni tal-persuni b'diżabilità. Din l-aġenda soċjali tkun ibbażata wkoll fuq il-koerenza politika, il-governanza tajba u approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem, u tindirizza politiki li jirrikonossu, inaqqsu u jqassmu mill-ġdid il-kura mhux imħallsa, u jippremjaw u jirrappreżentaw xogħol ta' kura mħallas. Il-Kunsill ifakkar fl-impenji stabbiliti fir-Regolament NDICI-Ewropa Globali biex jikkontribwixxi mill-inqas 20 % tal-ġajjnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) iffinanzjata taħt l-istrument għall-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp tal-bniedem u biex l-ugwaljanza bejn il-ġeneri tkun objettiv prinċipali jew sinifikanti f'mill-inqas 85 % tal-azzjonijiet ġodda implimentati.
8. It-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali u l-iffaċilitar tal-aċċess għas-servizzi soċjali bażiċi u l-protezzjoni soċjali inaqqsu l-faqar u l-inugwaljanzi u għandhom il-potenzjal li jippromwovu kuntratti soċjali ġodda u l-inklużjoni soċjali globalment. Għalhekk huwa kruċjali li jiġu appoġġati l-iżvilupp ta' sistemi nazzjonali ta' protezzjoni soċjali għall-membri kollha tas-soċjetà, sabiex jiġu promossi opportunitajiet soċjali u ekonomiċi għal tranżizzjoni ġusta u biex jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla jibqa' lura, kif ukoll biex jiġu appoġġati riformi li jwasslu għal istituzzjonijiet effettivi, responsabbli u trasparenti, politiki inklużivi, governanza tajba, l-istat tad-dritt, u aċċess għall-ġustizzja.
9. Il-Kunsill jisħaq fuq l-importanza tal-implimentazzjoni tal-SDG 10 "Tnaqqis tal-inugwaljanzi fi ħdan u bejn il-pajjiżi". Il-Kunsill jissottolinja li l-monitoraġġ u r-rappurtar dwar l-inugwaljanzi huma essenzjali. F'dan ir-rigward il-Kunsill jilqa' l-Markatur tal-Inugwaljanza (I-Marker) tal-Kummissjoni Ewropea u l-użu ta' Valutazzjonijiet tal-Impatti Distributtivi. Il-Kunsill jirrakkomanda wkoll l-aktar applikazzjoni wiesgħa tal-Markatur tal-Inugwaljanza, inkluż fl-Inizjattivi ta' Tim Ewropa u fir-rigward tal-Global Gateway, u jhegġegħ lill-Istati Membri biex jużawh. Barra minn hekk, il-Kunsill jisħaq fuq l-importanza tal-Inizjattivi ta' Tim Ewropa biex jingħelbu l-inugwaljanzi (Inizjattivi Ewlenin fir-rigward tal-Ugwaljanza) u jhegġegħ lill-Kummissjoni biex tippromwovi aktar inizjattivi f'dan il-qasam. Huwa jtenni wkoll ir-rilevanza tal-aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar, inkluż il-valutazzjonijiet tal-impatt regolatorji, biex tissaħħaħ il-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp.

10. Il-Kunsill ifakkar ukoll li l-UE hija impenjata li tippromwovi approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem, li jinkludi d-drittijiet kollha tal-bniedem, kemm jekk ikunu drittijiet ċivili, kulturali, ekonomiċi, politiċi jew soċjali, fil-qalba tal-inizjattivi kollha relatati mal-SDGs. Huwa jenfasizza li t-tweqqi tad-drittijiet tal-bniedem jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-faqar u l-inugwaljanzi u għall-kisba tal-SDGs kollha. Ir-rispett, il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet tax-xogħol, u d-demokrazija u l-istat tad-dritt jibqgħu prijorità.
11. Il-Kunsill jisħaq fuq l-importanza tal-implimentazzjoni tal-SDG 16 "Paċi, ġustizzja u istituzzjonijiet b'saħħithom", peress li l-promozzjoni ta' soċjetajiet paċifiċi, reżiljenti, ġusti u inklużivi, l-iffaċilitar tal-aċċess għall-ġustizzja għal kulħadd, u l-istabbiliment ta' istituzzjonijiet effettivi, responsabbli u trasparenti huma prekondizzjonijiet għall-iżvilupp sostenibbli. Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu tad-19 ta' Mejju 2017 dwar l-operazzjonalizzazzjoni tar-rabta bejn l-aspett umanitarju u l-iżvilupp, li jappellaw għal approċċ "tagħmilx ħsara" u jenfasizzaw il-ħtieġa li jiġi adottat approċċ għall-ippjanar aktar speċifiku għall-kuntest u flessibbli fir-rigward ta' interventi għall-iżvilupp f'sitwazzjonijiet fraġli u affettwati minn kunflitti.
12. Il-Kunsill itenni l-appoġġ tiegħu għall-Ekonomija tal-Benesseri² fil-qalba tal-Aġenda 2030 u għall-Inizjattiva Lil Hinn mill-Prodott Domestiku Gross (PDG). It-tnejn jimplikaw kunċett ta' żvilupp mhux lineari u multidimensjonali li jmur lil hinn minn parametri purament ekonomiċi.
13. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn qawwi tal-UE għal soċjetà ċivili emanċipata, inkluż organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa u movimenti femministi, organizzazzjonijiet li jippromwovu d-drittijiet tat-tfal u d-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u sħab soċjali, kif ukoll ambjent abilitanti u aċċessibbli għas-soċjetà ċivili. Jenfasizza l-importanza tal-appoġġ lill-pajjiżi sħab fit-tisħiħ tal-proċessi demokratiċi, id-djalogu soċjali u s-sistemi ta' responsabbiltà. Jenfasizza l-importanza li tiġi appoġġata l-kapaċità tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) biex jikkontribwixxu għall-kisba tal-Aġenda 2030, bħala atturi ta' governanza tajba u żvilupp fihom infushom, kif ukoll il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-politika u fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

² Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ekonomija tal-Benesseri, (ĠU 2019/C 400/09, ST 13432/19).

14. Il-Kunsill jisħaq fuq l-importanza tal-aġenda dwar l-effettività tal-iżvilupp u jenfasizza li t-tranżizzjonijiet soċjali, ekoloġiċi u diġitali jeħtieġu mobilizzazzjoni sostanzjali u sostenibbli tar-riżorsi finanzjarji. F'konformità mal-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa, il-Kunsill jinnota li:
- a. L-ODA, flimkien ma' sorsi oħra ta' finanzjament, tippromwovi tkabbir sostenibbli u inklużiv fit-tul u tibqa' sors rilevanti ħafna ta' finanzjament u għarfien espert għall-pajjiżi sħab. Hija affidabbli u għandha rwol katalitiku fil-proċessi ta' żvilupp trasformattivi u l-kisba tal-SDGs, u tippermetti l-mobilizzazzjoni ta' riżorsi nazzjonali u internazzjonali minn sorsi pubbliċi u privati.
 - b. L-UE tappoġġa lill-pajjiżi sħab biex itejbu l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi (ĠFP) tagħhom, b'enfasi partikolari fuq il-Mobilizzazzjoni tar-Riżorsi Domestiċi (DRM). Hija tippromwovi approċċ trasformattiv għall-ĠFP li jindirizza l-kawżi ewlenin tal-inugwaljanzi abbażi tal-ġeneru u d-diżabbiltà, billi torbotha mill-qrib mat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika tal-protezzjoni soċjali. It-titjib tad-DRM jeħtieġ kemm l-iżgurar tal-ispazju fiskali kif ukoll l-istabbiliment ta' sistemi fiskali effiċjenti u progressivi. Barra minn hekk, il-kooperazzjoni domestika u internazzjonali fil-ġlieda kontra l-evazzjoni tat-taxxa u l-flussi finanzjarji illeċiti għandha tiġi intensifikata.
 - c. Huwa essenzjali li jsiru aktar investimenti tas-settur privat b'appoġġ għall-iżvilupp sostenibbli tal-pajjiżi sħab, kif promoss mill-istrateġija Global Gateway, filwaqt li jitqies dejjem il-prinċipju tas-sjieda. Sabiex jiġi attrirat finanzjament privat għal proġetti sostenibbli fit-tul u ta' kwalità għolja, huwa wkoll kruċjali li jsir investment fl-iżvilupp tal-bniedem u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet, jissaħħu sistemi finanzjarji nazzjonali u internazzjonali stabbli, jiġu promossi strumenti finanzjarji relatati mas-sostenibbiltà bħal bonds ekoloġiċi, tiġi żgurata l-interoperabbiltà ta' oqfsa u standards ta' finanzjament sostenibbli, u jiġu żgurati oqfsa regolatorji tal-UE adegwati u, fejn xieraq, mekkaniżmi ta' tneħħija tar-riskji. Il-Banek Multilaterali tal-Iżvilupp (MDBs) u fondi oħra għall-iżvilupp jaqdu rwol importanti u huma kruċjali biex jiġi sfruttat il-finanzjament privat biex jiġu appoġġati l-SDGs fuq skala kbira.

15. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli u lill-Istati Membri, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom biex:
- a. isaħħu u jtejbu l-viżibbiltà tar-rispons ta' Tim Ewropa għall-iżvilupp tal-bniedem fil-pajjiżi sħab, b'mod partikolari billi jippromwovu narrattiva komuni u jorganizzaw żjarat ta' livell għoli fuq il-post. Dan l-appoġġ għandu jiffoka primarjament fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem min-nisa u l-bniet, iż-żgħażaġh u l-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, bħal dawk li jgħixu fil-faqar, it-tfal u l-persuni b'diżabilità, kif ukoll dawk milquta mit-tibdil fil-klima;
 - b. isaħħu u jtejbu l-ħidma mal-pajjiżi sħab biex jiġu żgurati istituzzjonijiet pubbliċi inklużivi, rappreżentattivi, trasparenti u responsabbli fil-livelli kollha li jippromwovu governanza tajba u fiduċja bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet tagħhom biex tiġi żgurata sjieda lokali, u biex titrawwem parteċipazzjoni sħiħa, ugwali u sinifikanti taċ-ċittadini u tal-OSĊ fi proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Politiki ekonomiċi sodi u istituzzjonijiet demokratiċi u trasparenti għall-mobilizzazzjoni tar-riżorsi domestiċi u l-investimenti privati huma kruċjali f'dan ir-rigward;
 - c. ikomplu jpoġġu enfasi qawwija fuq l-appoġġ lill-pajjiżi sħab fit-tfassil, it-titjib u l-implimentazzjoni ta' sistemi u miżuri ta' protezzjoni soċjali inklużivi, adattivi u aċċessibbli b'mod universali. Dawn għandhom jinkludu protezzjonijiet soċjali bażiċi, li jipproteġu lin-nies u jibnu r-reżiljenza, jinċentivaw deċiżjonijiet u investimenti sostenibbli u ekoloġiċi u jippermettu b'mod attiv l-iżvilupp tal-ħiliet u l-aċċess għal opportunitajiet ġodda ta' impjieg deċenti;
 - d. jagħmlu użu sħiħ u effettiv mill-istrumenti kollha disponibbli biex jippromwovu tranżizzjonijiet ġusti, inkluż l-Aċċelleratur Globali tan-NU u l-Linji Gwida tal-ILO għal tranżizzjoni ġusta lejn ekonomiji u soċjetajiet ambjentalment sostenibbli għal kulħadd, skont l-approċċ ta' Tim Ewropa;
 - e. jimmobilizzaw il-potenzjal sħiħ tal-arkitettura finanzjarja Ewropea biex tiġi aċċellerata l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u biex jiġu appoġġati ekonomiji vulnerabbli biex joħorġu l-popolazzjonijiet tagħhom mill-faqar filwaqt li tiġi protetta l-pjaneta, kif iddikjarat matul is-summit ta' Pariġi għal patt finanzjarju globali ġdid.